# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar l-Erbgha 12 t'Ottubru 2016**

**Kawza Numru :21**

**Citazzjoni Numru : 543/2004 JPG**

**Alfred Scicluna fil-kwalita` tieghu ta' Chairman u ghan-nom ta' Payzone Cooperative Limited**

**vs**

**Citadel Insurance p.l.c. (C-21550)**

**Il-Qorti :**

Rat l-Att tac-Citazzjoni tal-atturi prezentata tat-23 ta' Lulju 2004 (a fol. 1 et seq.), li taqra hekk:

*"Billi matul is-sena elfejn u tlieta (2003) is-socjeta` ossija l-kooperattiva attrici kienet koperta b'polza ta' assikurazzjoni tat-tip Electronic Equipment Insurance Policy bin-numru* ***EEO 12939*** *mahruga mis-socjeta` konvenuta tramite tal-agenti taghha f'dik l-epoka, Laferla Insuarance Agency Limited;*

*Billi l-imsemmija polza ta' assikurazzjoni kienet tkopri l-apparat elettroniku tas-socjeta` ossija l-kooperattiva attrici kontra diversi riskji, fosthom maltemp, tempesta u perikli ta' gharar matul il-perjodu bejn l-1 ta' April 2003 u l-1 ta' April 2004.*

*Billi fil-15 ta' Settembru 2003 kien sehh maltemp kbir f'Malta u diversi istallazzjonijiet u apparat elettroniku tas-socjeta` ossija l-kooperattiva attrici konsistenti principalment f'numru konsiderovoli ta' "payphones" f'Malta, kienu garrbu hsarat estensivi minhabba rghad qawwi.*

*Billi dan l-akkadut u b'mod partikolari, il-hsarat estensivi fil-proprjeta` tas-socjeta` attrici matul l-imsemmi maltemp, kienu gew regolarment notifikati lis-socjeta` konvenuta verbalment u anke fil-25 ta' Settembru 2003, permezz tal-"claim" opportun kif ikkontemplat mill-istess polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija.*

*Billi d-danni diretti sofferti mis-socjeta` attrici minhabba dawn il-hsarat kienu jammontaw ghal tmint elef u tnejn u hamsin Lira (Lm8052) kif kien jirrizulta minn Dokument A prezentat mac-citazzjoni.*

*Billi in vista tal-ezistenza tal-polza fuq imsemmija u l-fatt illi l-akkadut dannuz fuq imsemmi kien riskju kopert taht l-istess polza, is-socjeta` konvenuta kienet obbligata li taghmel tajjeb ghat-telf soffert mis-socjeta` attrici fis-somma ta' tmint elef u tnejn u hamsin lira (Lm8052) salv tnaqqis tal-"excess" mhux kopert skond il-polza.*

*Billi s-socjeta` ossija l-kooperattiva attrici kienet ghamlet diversi talbiet ghall-hlas lis-socjeta` konvenuta izda s-socjeta` konvenuta kienet qeghda tirrifjuta taccetta li hija kienet obbligata taghmel tajjeb ghad-danni sofferti mis-socjeta` attrici skond il-polza;*

*Tghid ghalhekk is-socjeta' konvenuta ghaliex m'ghandhiex dina l-Qorti ghar-ragunijiet premessi::*

1. *Tiddikjara li in vista tal-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija mahruga mill-istess socjeta` konvenuta favur l-kooperattiva attrici u in vista wkoll tal-fatt illi l-akkadut dannuz meritu ta' din il-kawza jikkostitwixxi l-verifika tar-riskju kontemplat u kopert taht l-istess polza, l-imsemmi socjeta` konvenuta hija obbligata taghmel tajjeb ghat-telf soffert mis-socjeta` attrici bhala konsegwenza tal-istess akkadut fis-somma msemmija ta' tmint elef u tnejn u*

*hamsin lira (Lm8052.00) jew somma verjuri stabilita` minn din il-Qorti wara t-tnaqqis tal-"excess" imsemmi fl-istess polza.*

2. *Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lill-kooperattiva attrici l-istess somma ta' tmint elef u tnejn u hamsin lira (Lm8052.00) jew somma ohra verjuri li tigi stabilita` minn din il-Qorti in vista u wara t-tnaqqis tal-"excess" illi skond il-polza ta' assikurazzjoni ma hiex koperta mill-istess polza.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittri bonarji tat-2 ta' April 2004, tal-14 ta' April 2004 u tal-14 ta' Mejju 2004 u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni."*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta' attrici tat-23 ta' Lulju 2004 (a fol. 3 et seq);

Rat li l-atti tac-citazzjoni, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta'Citadel Insurance plc tas-26 t'Awwissu 2004 (a fol. 17) li taqra hekk:

1. *"1. Illi s-socjeta` attrici ma kenitx marbuta li thallas fuq il-polza mertu tal-kawza liema polza kienet ineffettiva u invalida ab initio stante li fuq il proposta ghall-hrug tal-polza l-assigurat kien naqas li jizvela fatti materjali lill-assikuratur u/jew irrapresenta hazin fatti materjali;*

2. *Bla pregudizzju ghas-suespost li s-socjeta` attrici ma kenitx hadet dawk il-prekawzjonijiet li kienet marbuta li tiehu biex timminimizza r-riskji imposti fuq l-assikuratur u ghalhekk l-assikuratur kien ezonerat mill-obbligu tieghu li jaghmel tajjeb ghat-telf riklamat;*

3. *Bla pregudizzju ghas-suespost li d-danni reklamati ma kienux koperti mill-polza mertu tal-kawza;*

4. *Bla pregudizzju ghas-suespost li mhux id-danni kollha kienu sehhew bhala kagun tal-maltempata tal-15 ta' Settembru 2003;*

5. *Bla pregudizzju ghas-suespost li d-danni reklamati kienu ezagerati u ma kienux jirrizultaw fil-fatt;*

6. *Illi t-talbiet attrici kienu kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u kellhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici;*

7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz."*

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' konvenuta Citadel Insurance plc tas-26 ta' Lulju 2004 (a fol. 18 et seq.);

Rat in-nota tas-socjeta' konvenuta Citadel Insurance p.l.c. (C21550) tal-1 ta' Frar 2005, (a fol. 52 et seq.);

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-atturi tal-15 ta' Marzu 2005 (a fol. 57 et seq.);

Rat in-nota ta' riferenzi ta' Citadel Insurance plc tal-25 ta' Mejju 2005 (a fol. 62 et seq.);

Rat is-sentenza in parte ta' din il-Qorti kif diversament preseduta, tas-26 t'April 2006 (a fol. 153 et seq);

Rat id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell, tas-27 ta' Gunju 2008, (a fol. 183 et seq);

Rat id-digriet ta'din il-Qorti kif diversament preseduta tad-29 t'Ottubru 2008 (a fol. 197 et seq.) li permezz giet nominata Dr. Yvette Cassar bhala Assistent Gudizzjarju;

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota t'osservazzjonijiet tal-attur Alfred Scicluna pro et nomine tat-18 ta' Mejju 2015 (a fol. 317 et seq.);

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat id-diversi opportunitajiet akkordati innutilment lis-socjeta’ intimata sabiex tirrapresenta nota ta’ sottomissjonijiet responsiva jew trattazzjoni finali u cioe’ mill-15 ta’ Lulju 2015 sa 18 ta’ Mejju 2016;

**Ikkonsidrat:**

**Lino Ciantar** xehed permezz ta' affidavit a fol 205 – 207 illi huwa jokkupa l-kariga ta' Senior Head fi hdan is-socjeta ntimata u kien involut personalment kemm fil-hrug tal-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni u kif ukoll fil-fazi tal-ipprocessar tal-claim in kwistjoni. Spjega illi fis-sena 2001 is-socjeta ntimata kienet harget, fuq talba tas-socjeta Laferla Insurance, polza ta' assikurazzjoni tat-tip 'Electronic Equipment' li kienet tkopri numru ta' riskji li jistghu jikkawzaw hsara lill-apparat elettroniku relatat mal-attivita kummercjali tas-socjeta rikorrenti, liema polza kienet ghalqet fil-31 ta' Marzu 2004. Kompla illi meta s-socjeta ntimata saret taf bil-polza ta' assikurazzjoni mahruga minn Laferla kienet immedjatament talbet aktar informazzjoni permezz ta' sett ta' domandi maghmula lis-socjeta rikorrenti tramite Laferla, liema informazzjoni kienet meqjusa mis-socjeta ntimata bhala informazzjoni materjali u ta' importanza fondamentali. Is-socjeta rikorrenti kienet ghaddiet ir-risposti taghha lis-socjeta ntimata tramite Laferla u a bazi ta' dan, is-socjeta ntimata ddecidiet illi l-polza ghandha tibqa' fis-sehh.

Spjega illi fit-23 ta' Settembru 2003, is-socjeta rikorrenti kienet informat lis-socjeta ntimata, permezz ta' Claim Form, illi kienet sofriet hsarat fl-apparat elettroniku u numru ta' “payphones” proprjeta taghha **wara l-maltempata li kienet ghamlet fl-15 ta' Settembru 2003.** Dawn id-danni kienu gew kwantifikati fis-somma ta' €23,204.63 permezz ta' ittra mibghuta lis-socjeta ntimata datata 23 ta' Settembru 2003, liema ammont kien jinqasam in kwantu **ghas-somma ta' €4,445.52** f'danni rekati fuq 'office equipment' u **€18,845 f'danni** rekati fuq numru ta' “payphones” imxerrda ma' Malta.

Kompla illi ghalhekk huma kienu hatru lil Arthur Tua, inginier espert f'dan il-qasam, biex jirrelata dwar l-apparat in kwistjoni flimkien man-natura u l-estent tad-danni. L-inginier Tua kellu numru ta' laqghat mar-rapprezentanti tas-socjeta rikorrenti fejn talab informazzjoni u anke sabiex jezamina l-apparat in kwistjoni. Fir-rapport tieghu l-

inginier ikkonkluda illi l-informazzjoni li s-socjeta rikorrenti kienet tat qabel ma giet ikkonferma l-polza ma kienetx intiera u veritiera fir-rigward tal-“payphones”, il-protezzjoni li kellhom kontra s-sajjetti u l-mod kif dawn kienu mqabbdin mas-sistema centrali tal-Maltacom.

Spjega illi barra minn hekk, irrizulta wkoll illi numru ta' “payphones” li kienu irrapurtati li soffrew dannu minhabba l-maltempata u li allura gew inkluzi fil-claim, kienu diga gew irrapurtati bil-hsara fil-Maintenance List datata 12 ta' Settembru 2003. Sussegwentement kien hemm skambju ta' korrispondenza, izda s-socjeta rikorrenti baqghat qatt ma tat spjegazzjoni cara u sodisfacenti u ghalhekk permezz ta' ittra datata 30 ta' Gunju 2004 is-socjeta attrici giet informata illi s-socjeta konvenuta ma kienetx aktar f'posizzjoni li tikkonsidra li l-claim kellha x'taqsam mal-hsarat tal-“payphones”.

**In kontro-ezami** a fol 232 – 235, 237 – 239 u 245 – 246 xehed illi kien hu li ha d-decizjoni li tigi rrifjutata il-claim tas-socjeta attrici u dan a bazi tar-rapport tal-Inginier Tua u wara li kkonsulta ma l-avukat tas-socjeta konvenuta. Qal li r-ragunijiet ghalfejn il-“claim” kienet giet rifjutata kienu varji, pero r-raguni principali kienet illi ghalkemm “fl-underwriting stage”, is-socjeta attrici kienet informat lis-socjeta konvenuta illi l-“payphones” kellhom il-protezzjoni ta' “electricity plug fuse”, sussegwentement irrizulta illi fil-verita il-“payphones” kellhom biss protezzjoni sekondarja kontra s-sajjetti. Skont ir-rapport tal-Inginier Tua, is-sistema fir-realta, ma kienitx tirrifletti dak li kien gie deskritt mis-socjeta attrici. Qal ukoll illi li kieku is-socjeta konvenuta kienet taf li l-“payphones” ma kellhomx “primary protection”, kienet tqabbad l-esperti u l-inginieri taghha biex jaraw x'ghandu jsir. Kompla ili wara li hareg ir-rapport tal-Inginier Tua, huwa kien mar jitkellem mieghu, u xi drabi kien hemm ukoll nies ohra mis-socjeta konvenuta li marru jitkellmu mieghu, u d-decizjoni finalli ittiehdet principalment fuq is-sahha ta' dan ir-rapport.

Mistoqsi x'kienu l-aktar punti importanti tal-allegat “non-disclosure”, wiegeb illi l-ewwel nett irrizulta li l-“payphones” kellhom biss protezzjoni sekondarja u mhux “electricity plug fuse” kif irraportat; punt principali kien illi s-socjeta attrici kienet qalet illi l-protezzjoni li kellhom il-“payphones” kienet tali li jekk jintlaqtu minn sajjetta, sett wiehed biss kienet tigrilu l-hsara; punt iehor kien illi ma kienx hemm konnezzjoni mal-Maltacom permezz ta' fibre optic cable; u l-fatt li s-sistema kienet

iccentralizzata. Mistqosi minn fejn jirrizulta li s-sistema hija ccentralizzata, wiegeb li din ma tissemmix fir-rapport tal-inginier u hija deduzzjoni tas-socjeta konvenuta illi l-hsara inxterdet minn unit ghall-iehor peress li dan il-fatt ma jissemmix fir-rapport tal-inginier. Mistoqsi jekk is-socjeta konvenuta stharrigtx il-fatt li din kienet wahda mill-“electric storms” iktar qawwija li qatt grat f’Malta, wiegeb illi in-numru ta' claims li rrizultaw minn sajjetta kien baxx hafna ikkomparat man-numru ta' claims li rrizultaw minn gharar. Mistoqsi x'jghid ir-rapport, rigward kif kull unit huwa mqabbad mas-sistema, wiegeb li r-rapport ma dahalx f'dan id-dettal.

Mistoqsi jekk is-socjeta konvenuta iddeducietx li l-maltempata kienet qawwija abbazi tan-numru ta' claims li kellhom jew minn stharrig li ghamlu mal-MET office, wiegeb illi mhux prattika tas-socjeta konvenuta li taghmel stharrig mal-MET office, u f'dan il-kaz ma kienux ghamlu dan l-istharrig. Mistoqsi jekk stharrgux mal-inginier taghhom jekk kienx hemm sistema ohra alternattiva ghal “plug type” wiegeb fin-negattiv, stqarr li ma jidhlux fl-aspetti teknici tal-“claim”, izda jharsu lejn jekk l-informazzjoni li kienu gew moghtija “fl-underwriting” stage kienetx korretta jew le. Qal li fid-dettalji teknici ma dahhlux u qatt ma jidhlu fihom.

**Martin Rizzo** xehed a fol 251 – 254 illi huwa **“Manager” ma' Go**, gradwat fl-inginierja elettrika u intiz fis-sistema tal-“payphones” ghaliex hu kien l-Ingineer li kien ghamel l-ispecifications u tat-tender u ordna s-sistema in generali. Spjega li bhala sistema, kull “payphone” huwa trattat bhala linja tat-telephone separata, u kull sett ikollu zewg wires li jmorru go “distribution point” li hafna drabi tkun ta' ghaxar linji ohra. Minn hemmhekk imbaghad imorru go “street cabinet’’ griz, li jkollu bejn mitejn u tlett mitt linja jahdmu. Minnn hemmhekk jinghaqdu f'cables kbar li jmorru lura ghall-exchange fejn ikun hemm l-apparat. **Zied, illi dawn il-“cables” kbar huma tal-copper u li s-sistema moderna tal-fibre optic kienet qed tigi introdotta ricentement.** Mistoqsi jekk f'xi hin il-wire ta' “payphone” jisseparax, wiegeb illi l-“wire” ta' “payphone” huwa ddedikat ghal dak il-“payphone”, pero ghalihom huwa linja bhall-ohrajn. Qal li ghall-linja ta' “payphones” hemm sistema ta' “database” fejn il-“payphones” huma programmati biex icemplu post centrali biex ikunu “monitored” jekk ghandhomx hsarat jew le.

Spjega illi matul is-sena 2003, il-hsarat fl-ewwel sitt xhur tas-sena kienu livell normali, naqsu fis-sajf imbaghad gew irraportati hafna hsarat minhabba l-maltemp. Zied illi filfatt, fis-16 ta' Settembru, u cioe l-ghada tal-maltempata dhalu hafna rapporti ta' hsarat.

Mistoqsi jispjega dwar is-sistema ta' "payphones" specifikament, wiegeb illi "t-tender document" kien preparah hu fis-sena 1989 u kien hu li stipula illi jrid ikun protezzjoni minn voltagg enormi. Mistoqsi dwar f'hiex jikkonsistu "l-over voltage protection units" spjega **illi kien hemm zewg sistemi**: wiehed **jismu Tricel maghmul minn component li kif taqbez certu voltagg jixxortja l-voltagg halli ma jibqax ghaddej u t-tip l-iehor jismu Thermister li meta jishon il-materjal tieghu joffri aktar resistenza lill-kurrent** li jkun **ghaddej biex ma jghaddix**. Qal **illi l-units huma mghammrin b'dawn iz-zewg sistemi** u dan jafu bhala fatt minhabba illi kienu parti mill-ispecifikazzjonijiet li kien pprepara.

**Steven Camilleri** xehed a fol 254 – 255 illi huwa s-segretarju ta' "Payzone" Cooperative Limited, u fiz-zmien meta gara l-incident mertu tal-kawza kien technician. Spjega illi linja titla mill-"payphone", tidhol go "cable" li huwa d-"distribution point" tat-Telemalta. Mistoqsi x'gara dakinhar tal-incident, spjega illi huwa kien mar jispjezzjona numru ta' kaxxi minhabba l-maltempata u kellhom imorru hemm personalment ghaliex jekk il-"computer" tal-"payphone" ma jaghmilx kuntatt mal-kaxx ikollhom imorru huma fuq il-post. Qal li dakinhar izerta li kien hemm hafna kaxxi ma kienux qed icemplu, u **meta marru jispezzjonawhom sabu illi hafna kaxxi kienet marritilhom is-CEL** li hija l-ewwel bicca tal-kaxxa fejn tidhol il-linja, u kien hemm xi kaxxi ohra li kien gralhom il-hsara f'partijiet ohrajn ukoll. **Zied illi c-CEL ikollha protezzjoni kontra s-sajjetti.**

**Charles Mifsud** xehed a fol 255 – 256 illi huma impjegat ma' "Payzone" u fir-rigward tal-incident mertu ta' din il-kawza huma kien responsabbli mill-area tat-Tramuntana ta' Malta. Spjega li **l-hsarat li kien hemm kienu ta' "boards" li kellhom bzonn jinbidlu**, specjalment l-ewwel wahda, u cioe fejn jidhol il-wire l-ewwel. Din **tal-ewwel ikun fiha l-protezzjoni kontra s-sajjetti.**

**Mario Abdilla, rapprezentant tal-MET Office**, xehed a fol 265 – 266 u pprezenta numru ta' dokumenti rigward it-temp u l-kondizzjonijiet meteorologici fil-gzejjer Maltin fil-perjodu bejn is-7.00pm tal-14 ta' Settembru 2003 sas-7.00pm tas-16 ta' Settembru 2003, kif ukoll rigward il-hsarat maghrufa sofferti mill-maltempata u l-frekwenza tas-sajjetti fil-perjodu imsemmi.

**Carmel Mifsud** xehed a fol 266 – 267 illi huwa impjegat mal-"Payzone" bhala technician u fiz-zmien meta gara l-incident mertu ta' din il-kawza kien jiehu hsieb is-sistemi tal-Management Systems tal-istess kumpanija. Spjega illi kull "payphone" li jkun installat fit-triq jikkomunika ma' din is-sistema, l-iskop ta' liema huwa li tirraporta jekk ikunx hemm xi hsarat, fis-sens illi jekk ma tikkomunikax allura jkun hemm xi hsara.

**Alfred Scicluna** xehed a fol 275A – 275 G illi huwa c-Chairman tas-socjeta rikorrenti li tiehu hsieb il-"payphones" kollha li ghandha installati f'Malta u Ghawdex skond arrangament mal-Go Mobile. Spjega illi l-polza ta' assikurazzjoni ghamluha l-ewwel darba fl-2001 u kienu assikuraw kollox. Kompla illi l-"payphones" jahdmu fuq sistema ta' komunikazzjoni ma' linja diretta tramite "modem" sabiex il-"payphones" jirraportaw xi hsarat ikollhom. **Mistoqsi kif il-"payphones" huma mqabbda mas-sistema, wiegeb illi huma mqabbdin ma' linja normali tat-telephone, izda bil-protezzjoni minnha nnfisha ghal xi "oversurge" etc. Il-linja tigi minn "distribution box"**. Spjega illi "telephone" tad-dar u "payphone" huma bazikament l-istess sistema bid-differenza illi l-"payphone" jibghat informazzjoni lill-"management system", haga illi telephone tad-dar ma jaghmilx.

Xehed illi fil-15 ta' Settembru 2003 kienet saret maltempata kbira Malta li kienet haga barra minn normal. L-aktar naha li ntlaqtet kien ic-centru ta' Malta, ftit fin-nofsinhar u kemm kemm lejn it-Tramuntana. **Zied illi l-ebda wiehed mill-madwar 117 "payphones" li s-socjeta attrici kellha installati Ghawdex ma soffra hsarat**. Kompla illi apparti l-"payphones", **is-socjeta attrici sofriet hsarat f'affarijiet fl-ufficju, bhal per ezempju xi computers, PABX u affarijiet simili.**

Spjega illi meta gew biex jordnaw il-"payphones" kienu hargu l-ispecifikazzjonijiet, li jrid ikollhom protezzjoni. Qal illi meta kienu dahlu ghar-responsabbilita tal-

"payphones", dawn kienet diga xtrathom il-Maltacom u huma hadu over ir-responsabbilita taghhom. **Qal illi dawn il-"payphones" kienu minnhom infushom protetti kontra s-sajjetti.** Zied illi huma kienu intalbu biex johorgu polza ta' assikurazzjoni ghalihom u ghalhekk gabbru xi kwotazzjonijiet u ghazlu lil Laferla, li kienu marru jaraw il-"payphones" kif joperaw u x'inhu l-apparat minn gewwa qabel ma accettaw li johorgu l-polza ta' assikurazzjoni.

**Ikkonsidrat;**

Permezz tal-ewwel eccezzjoni taghha, is-socjeta konvenuta eccepiet illi l-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni hija ineffettiva u invalida ab initio ghaliex is-socjeta assikurata naqset milli tisvela fatti materjali fuq il-proposta ghall-hrug tal-polza.

Skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati Maltin fuq il-materja ta' provi,

> *"...ir-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:-*
>
> *(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor). Ara Kollez. Vol. XLVI P I p 5;*
>
> *(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista' joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, "jista' jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta" (Kollez. Vol. XXXVII P I p 577);*
>
> (3) *Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta alligata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri,*

> *minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat; "*[1]

Il-principju generali applikabbli fis-sistema legali Maltija huwa illi l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u cioe *incumbit probatio ei qui dicat, non ei qui negat.* Illi pero, ghal dan il-pricipju generali jezistu eccezzjonijiet, fejn il-piz tal-prova ikun f'certu sitwazzjonijiet jinkombi fuq il-konvenut illi jipprova l-eccezzjoni moghtija minnu. L-ewwel eccezzjoni mressqa mis-socjeta kovenuta hija appuntu wahda minn dawk l-istanzi fejn l-oneru tal-prova jigi spostat fuq il-konvenut. Dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **Mario Mizzi noe et noe vs Mario Grech et noe** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-3 ta' Ottubru 2003 fejn intqal illi:

> *"[l]-oneru tal-prova illi l-assikurat hu responsabbli ta' "non-disclosure" u "misrepresentation of a material fact" tinkombi fuq l-assikuratur ("**Stebbing –vs Liverpool and London and Globe Insurance Co. Ltd" (1916-1917 – All E R Rep 248).** "L' onere di provare che le circostanze taciute o inesattamente dichiarate sono state rilevanti nella conclusione del contratto spetta all' assicuratore" (Qorti Taljana tal-Kassazzjoni, 2000, Nru. 15939).*"

Fil-kaz in ezami, is-socjeta konvenuta ressqet bhala prova in sostenn tal-ewwel eccezzjoni taghha affidavit ta' Lino Ciantar u rapport redatt mill-Inginiet Tua fuq ordni u inkarigu tas-socjeta konvenuta stess.

Il-Qorti tibda billi tosserva **illi r-rapport tal-Inginier Tua m'huwiex ikkonfermat bil-gurament u l-istess Inginier qatt ma gie prodott mis-socjeta konvenuta sabiex**

---

1 **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi,** Qorti tal-Appell Civili deciza 12 ta' April 2007.

**jikkonferma l-kontenut tar-rapport redatt minnu quddiem il-Qorti.** Ghalhekk dan ir-rapport m'ghandu l-ebda valur probatorju u l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

Fir-rigward tal-affidavit ta' Lino Ciantar, jirrizulta illi il-maggior parti ta' dak illi kien qed jixhed fuqu, ma kienx jikkonsisti fuq fatti illi huwa kien jaf personalment, **izda biss fuq fatti illi huwa qara mir-rapport tal-Inginier Tua, jew li qallu l-Inginier Tua.** Ghalhekk il-maggior parti tax-xhieda ta' Ciantar tikkonsisti f'*detto del detto.*

L-Artikolu 598 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi f'dan ir-rigward illi

> "[b]*ħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta' xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista' jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti.*"

Imbaghad, l-Artikolu 599 johloq eccezzjonijiet ghal din ir-regola generali, u jipprovdi illi

> "[i]*l-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha,* ***meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża*** *jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista' jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, ta' żwieġ, ta' mewt, ta' assenza, ta' servitù, ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li miet u jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd."* (Enfasi ta din il-Qorti)

Peress illi d-detto del detto in kwistjoni ghandu fih innfisu importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawza, il-Qorti sejra tapplika l-eccezzjoni provduta fl-Artikolu 599 u tiehu in konsiderazzjoni il-detto del detto kontenut fl-affidavit ta' Ciantar, izda sejra

taghmel dan b'cirkospezzjoni kbira, galadarba l-Inginier Tua qatt ma kkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rapport tieghu, u ma jidhirx illi kien hemm xi impediment ghal produzzjoni tieghu bhala xhud.

Fix-xhieda tieghu moghtija in kontro-ezami, Ciantar spjega illi l-fatti principali illi s-socjeta assikurata naqset milli tisvela jew tat informazzjoni skoretta fuqhom huma s-segwenti:

1. li l-“payphones” kellhom biss protezzjoni sekondarja u mhux “electricity plug fuse”
2. illi s-socjeta attrici kienet qalet illi l-protezzjoni li kellhom il-“payphones” kienet tali li jekk jintlaqtu minn sajjetta sett wiehed biss kienet tigrilu l-hsara;
3. illi ma kienx hemm konnezzjoni mal-Maltacom permezz ta' “fibre optic cable;”
4. u l-fatt li s-sistema kienet iccentralizzata.

Apparti din ix-xhieda ta' Ciantar, illi kif qal huwa stess hija in parti bbazata fuq ir-rapport tal-Inginier Tua, u in parti bbazata fuq 'deduzzjonijiet' tas-socjeta konvenuta, is-socjeta konvenuta ma ressqet l-ebda prova ohra biex tikkorobora dak li xehed Ciantar.

Fir-rigward tal-informazzjoni li tinghata mill-assikurat prospettiv lill-kumpanija assikuratrici meta jkun qed jintalab il-hrug ta' polza ta' assikurazzjoni, intqal mill-Qrati taghna illi:

> “[i]*ndubbjament, il-predisposizzjoni tal-kwestjonarju (il-proposal form) tillustra b’ mod inekwivokabbli l-intenzjoni ta’ l-assikurat li jakkorda importanza partikolari lil certi kweziti determinanti, b’ tali mod li jirrikjamaw fuqhom l-attenzjoni ta’ l-assikurat biex dan, b’ kura u diligenza, iforni twegibiet kompleti u veritjiera ghalihom. Din hi materja li trid tigi valutata mill-gudikant fl-indagini tieghu anke biex jistabbilixxi l-incidenza tat-taghrif moghti (jew mizmum) fuq l-ghoti tal-kunsens mill-assikuratur fil-formazzjoni tal-kuntratt. Fi kliem iehor jispetta lill-gudikant li jizen jekk id-dikjarazzjonijiet jew*

*taghrif provvdut kienux tali li l-assikuratur ma kienx jikkonkludi l-kuntratt, jew kien hekk jikkonkludih, izda taht konsiderazzjonijiet diversi, kieku kien jaf bl-inezattezza jew inveridicita` tat-taghrif. Jekk jinstab li dan hu hekk il-kaz ir-rimedju ghall-assikuratur hu dak ta' l-annullament tal-kuntratt u f'kaz li levent assigurat ikun gja sehh, dak li jirrezisti t-talba ghall-hlas ta' l-indennizz mitlub.*

(omissis)

*In linea generali preliminari fuq dan l-aspett huwa fatt indiskuss illi dikjarazzjonijiet inezatti (jew reticenti) kontenuti fil-proposal form huma dawk li fis-sustanza jimpedixxu lill-assikuratur milli jivvaluta kif jixraq dawk ic-cirkostanzi nfluwenti meta jokkorri l-event dannuz assikurat, li kapaci jkabbru jew jirreducu l-alea, u ghandhom impatt fuq il-kunsens ta' l-assikurat jew il-kondizzjonijiet kontrattwali. Problemi dawn ta' l-ahhar li jridu jigu epurati fl-ambitu ta' l-interpretazzjoni tal-klawsoli tal-polza skond il-kriterji ermenewtici stabbiliti fl-Artikoli 1002 sa 1011 tal-Kodici Civili. Tajjeb pero` li tigi registrata l-osservazzjoni ghaqlija illi "a fair and reasonable construction of the questions and answers in a proposal form must be adopted" ("Austin -vs- Zurich General Accident and Liability Insurance Co. Ltd", King's Bench Division (1944) 77 Lloyds Law Reports 409)"*[2]

Il-formulazzjoni klassika tal-obbligu li jigi zvelat kull fatt materjali mill-assikurat prospettiv giet enuncjata minn Lord Mansfield CJ fis-sentenza fl-ismijiet **Carter v Boehm,**[3] f'kawza fejn il-kumpanija assikuratrici eccepiet in-nuqqas ta' validita tal-kuntratt ta' assikurazzjoni a bazi tal-fatt illi l-assikurat kien naqas milli jisvela il-

---

2 **Joseph Micallef et vs Jovin Rausi noe et,** Prim'Awla tal-Qorti Civili deciza 27 ta' Ottubru 2004, per Imhallef Philip Sciberras.

3 Carter v Boehm [1766] 3 Burr 1905.

vulnerabilita tal-fortezza ghal attakk mill-Francizi. Fis-sentenza **Lord Mansfield CJ** spjega l-iskop tal-obbligu li jigi svelati fatti materjali u kien tal-opinjoni illi:

> ***"[t]he special facts upon which the contingent chance is to be computed lie most commonly in the knowledge of the assured only; the underwriter trusts his representation, and proceeds upon confidence that he does not keep back any circumstance in his knowledge to mislead the underwriter into a belief that the circumstance does not exist...Although the suppression should happen through mistake, without any fraudulent intention, yet still the underwriter is deceived and the policy is void; because the risk run is really different from the risk understood and intended to be run at the time of the agreement...Good faith forbids either party, by concealing what he privately knows, to draw the other into a bargain from his ignorance of the fact, and his believing the contrary."***

Skond **l-awtur John Lowry**, a bazi tas-sentenza fl-ismijiet **Highlands Insurance Co vs Continental Insurance Co:**

> ***"...to prove the materiality of an undisclosed circumstance, the particular insurer must satisfy the court on a balance of probability that the 'judgement' (in the sense of formation of opinion) of a prudent insurer might have been influenced if the circumstance in question had been disclosed."***[4]

Jekk jigi stabbilit illi kien hemm *non-disclosure jew misrepresentation of a material fact*, imbaghad irid jigi ezaminat jekk il-kumpanija assikurattrici gietx indotta li tidhol fil-kuntratt assikurattiv a bazi ta' tali non-disclosure jew misrepresentation ghaliex, fi kliem Lord Mustill :

4 J. Lowry, *Pre-Contractual Information Duties: The insured's pre-contractual duty of disclosure – convergence across the jurisdictional divide,* f'J. Burling u K. Lazarus *ed*, Research Handbook on International Insurance Law and Regulation (EEPL 2011) 64.

> ***"...a material misrepresentation will not entitle the underwriter to avoid a policy unless the misrepresentation induced the making of the contract, using 'induced' in the sense in which it is used in the general law of contract."***[5]

Fuq dan il-punt, **l-awtur Lowry** jispjega illi:

> **"[t]*he insurers must establish that the non-disclosed or misrepresented fact was an effective cause, although not necessarily the only cause, of their agreement to underwrite the risk."***[6]

Il-gurisprudenza tal-Qrati Maltin fuq dan is-suggett tabbracca l-istess linja ta' hsieb. Dan jidher car per ezempju fis-sentenza fl-ismijiet **Mario Mizzi noe vs Mario Grech et noe** deciza fit-3 ta' Ottubru 2003, fejn din il-Qorti diversament presjeduta irrilevat illi:

> **"[m]*hux kwalunkwe dikjarazzjoni jew reticenza tista' tkun kawza ta' annullament izda dik biss fejn id-dikjarazzjoni inezatta jew ir-reticenza jkunu ta' natura tali li l-assikuratur ma kienx jaghti l-kunsens u l-approvazzjoni tieghu, jew ma kienx jaghtihom bl-istess mod u taht l-istess kondizzjonijiet kieku kien jaf il-verita` shiha jew il-fatti kompleti."***

**L-Imhallef Clarke LJ** jispjega dan l-element bil-mod segwenti:

> ***(i) In order to be entitled to avoid a contract of insurance or reinsurance, an insurer....must prove on the balance of probabilities that he was induced to enter into the contract by a material non-disclosure or by a material misrepresentation;***

---

5 **Pan Atlantic Insurance Co Ltd vs Pine Top Insurance Co** [1995] 1 AC 549.

6 J. Lowry, (note 4) 66.

> ***(ii)* There is no presumption of law that an insurer....is induced to enter in the contract by a material non-disclosure or misrepresentation;**
>
> ***(iii)* The facts may, however, be such that it is to be inferred that the particular insurer...was so induced even in the absence of evidence from him;**
>
> **(iv) *In order to prove inducement the insurer or reinsurer must show that the non-disclosure or misrepresentation was an effective cause of his entering into the contract on the terms on which he did. He must therefore show at least that, but for the relevant non-disclosure or misrepresentation, he would not have entered into the contract on those terms. On the other hand, he does not have to show that it was the sole effective cause of his doing so.*[7]**

Din il gurisprudenza ser tigi applikata f'ezami u analizi li din il-Qorti ser taghmel fir-rigward tal-erba' materji tal-allegat non-disclosure jew misrepresentation sollevati mis-socjeta' intimata (vide fol 13 ta din is-sentenza).

Fir-rigward tar-raba' punt sollevat mis-socjeta konvenuta, u cioe illi s-sistema kienet iccentralizzata, il-Qorti tqis illi mill-provi li tressqu ma jirrizultax xi diskrepanza mill-mod kif is-socjeta assikurata spjegat li tahdem is-sistema fuq il-kwestjonarju li kellha tirrispondi qabel ma harget il-polza, u dak illi xhiedu fuqu ix-xhieda prodotti minnha. Is-socjeta konvenuta naqset milli tipproduci provi fuq dan il-punt, nonostante l-fatt illi l-oneru kien jinkombi fuqha u ghalhekk huwa car illi s-socjeta konvenuta naqset milli tissodisfa ir-rekwiziti stabbiliti aktar il-fuq fir-rigward ta' dan il-punt.

Punt iehor a bazi ta' liema is-socjeta konvenuta issostni l-invalidita' tal-polza ta' assikurazzjoni huwa illi s-socjeta assikurata kienet qalet illi l-protezzjoni li kellhom il-"payphones" kienet tali li jekk jintlaqtu minn sajjetta sett wiehed biss kienet tigrilu l-hsara. Il-Qorti ma tarax kif il-fatt wahdu li numru ta' "payphones" sfaw dannegati

7 **Assicurazioni Generali SpA v Arab Insurance Group (BSC)** [2003] WLR 577, 64.

ifisser illi din l-asserzjoni tas-socjeta assikurata kienet inveritiera. Dak li jidher li spjegat is-socjeta assikurata meta rispondiet l-kwestjonarju kien, illi l-“payphones” kienu mghamrin b'sistema illi kienet tipprevjeni l-hsara milli tinxtered fil-kaz illi wiehed mill-units jintalaqat b'sajjetta. Dan ma jfissirx, u ma jistghax ragonevolment jitqies li jfisser, illi jekk “payphone” jintlaqat b'sajjetta is-sistema ser tipprevjeni milli “payphones” ohra jintlaqtu minn sajjetti differenti, kif filfatt jidher li gara f'dan il-kaz. Il-Qorti tqis ghalhekk illi anke fuq dan il-punt, is-socjeta konvenuta ma rrnexxilhiex tipprova dak rikjest sabiex tikseb l-annullament tal-polza ta' assikurazzjoni.

Is-socjeta konvenuta targumenta wkoll illi l-polza ta' assikurazzjoni m'hijiex valida ghaliex fuq il-kwestjonarju is-socjeta assikurata kienet wiegbet illi l-konnessjoni mal-Maltacom kienet permezz ta' fibre optic cables, meta dan mhux minnu. Dan pero m'huwiex ezattament dak li spjegat is-socjeta assikurata fil-kwestjonarju, li testwalment tghid:

“*the “payphone” is connected by means of the normal telephone lines, which is partly protected* (sic) *to the distribution box, the latter is then connected by Maltacom's fibre optic cable...the distribution box is connected to the main cabinet by means of a cable....*”

Dan il-bran juri li dak li kienet qed tghid is-socjeta assikurata huwa illi id-distribution box kienet konessa mal-main cabinet permezz tal-fibre optic cable tal-Maltacom, u cioe illi l-fibre optic cable ma kienx proprjeta tas-socjeta assikurata izda tal-Maltacom, u cioe it-tip ta' cable uzat ghal din il-konessjoni ma kienx taht il-kontroll tas-socjeta assikurata peress illi dan kien proprjeta tal-Maltacom.

Mix-xhieda prodotti mill-attur nomine jirrizulta pero illi m'huwiex kompletament minnu illi l-Maltacom kellha sistema ta' fibre optic cable, ghaliex dak iz-zmien kienet ghada qed tibdel is-sistema minn ramm (copper) ghal fibre optic. Il-Qorti tqis pero illi din l-inezattezza ma twassalx ghall-invalidita tal-polza ta' assikurazzjoni. L-ewwel nett, kif intqal minn Lord Mansfield bil-bran citat aktar il-fuq f'din is-sentenza sabiex polza titqies invalida, l-assikurat irid ikun heba ***“what he privately knows.”*** Il-Qorti hija tal-fehma illi dan m'huwiex il-kaz hawnhekk peress illi t-tip ta' cables uzati mill-

Maltacom ma kienx fatt illi kienet tafu biss is-socjeta asssikurata izda kien fatt illi kien miftuh ghall-konoxxenza pubblika.

It-tieni nett, kif intqal aktar il-fuq, is-socjeta konvenuta kellha turi zewg elementi sabiex tkun tista' tinvalida il-polza in kwistjoni, u cioe:

1. illi s-socjeta assikurata naqset milli tizvela jew irraprezentat hazin fatt materjali; <u>**U**</u>
2. illi s-socjeta konvenuta giet indotta tohrog il-polza ta' assikurazzjoni minhabba tali reticenza jew misinformazzjoni.

Mill-atti tal-kawza jirrizulta illi s-socjeta konvenuta ma gabet l-ebda prova illi, li kieku s-socjeta attrici tat informazzjoni rigward it-tip ta' cables uzati mill-Maltacom, hija ma kienetx tohrog il-polza in kwistjoni. Dan huwa element krucjali sabiex tigi invalidata polza ta' assikurazzjoni, u ghalhekk fl-assenza ta' provi f'dan ir-rigward, il-Qorti m'ghandha l-ebda ghazla ohra hlief illi tiskarta dak solevat mis-socjeta konvenuta.

L-ahhar punt ta' kontestazzjoni tas-socjeta konvenuta a bazi ta' liema qed tipprova tinvalida l-kuntratt ta' assikurazzjoni huwa l-fatt illi, skont hi, il-“payphones” kellhom biss protezzjoni sekondarja u mhux “electricity plug fuse” u ghalhekk is-socjeta assikurata hija hatja ta' “material non-disclosure” jew “misrepresentation”.

Qabel ma inharget il-polza, is-socjeta assikurata kienet spjegat illi '*the “payphones” have an in-built manufacture's* (sic) *lightning protection, working on the basis of an electricity plug fuse...”*

Mix-xhieda prodotti mill-attur nomine, senjatament minn dik ta' Martin Rizzo, jirrizulta illi l-“payphones” kienu protetti b'sistema ta’ protezzjoni doppja:

1. b'sistema bl-isem ta' **Tricel** maghmul minn komponent li kif taqbez certu voltagg jixxortja l-voltagg, halli ma jibqax ghaddej;

2. u sistema ohra bl-isem ta' **Thermistor** li meta jishon il-materjal tieghu joffri aktar resistenza lill-kurrent li jkun ghaddej biex ma jghaddix.

**Din ix-xhieda ma gietx kontradetta bl-ebda mod**, tant illi is-socjeta konvenuta lanqas ghamlet kontro-ezami ta' din ix-xhud. Ghalhekk, fl-assenza ta' provi illi jikkontradicu jew b'xi mod jimminaw il-kredibilita tax-xhud, il-Qorti tiehu din il-verzjoni bhala dik li turi l-istat ta' fatt fir-rigward tal-protezzjoni li biha kienu maghmrin il-“payphones” assikurati.

Mill-bran riprodott iktar il-fuq huwa car illi s-socjeta assikurata ma tatx spejagazzjoni shiha u cara tas-sistema ta' “protezzjoni” li bihom kienu maghmrin il-“payphones”. Pero mix-xhieda jirrizulta illi l-“payphones” kienu protetti sew kontra s-sajjetti, wkoll b'sistema illi hija fabbrikata apposta ghal protezzjoni ta' apparat eletroniku minn sajjetti.

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament ta' Rix u Clarke LJJ illi sabiex jigi deciz jekk l-assikurazzjoni kienetx giet indotta tidhol fil-kuntratt assikurattiv minhabba l-fatt li gie mistur jew irraprezentant hazin mill-assikurat, huwa necessarju li wiehed jezamina x'kien jigri li kienet saret full disclosure mill-assikurat.[8]

Fil-kaz de quo, is-socjeta assikurata ma gabet l-ebda prova illi hija ma kienetx tidhol fil-kuntratt assikurattiv li kieku kienet taf ezatt x'kienet is-sistema ta' protezzjoni li kellhom il-“payphones” assikurati, jew li kienet taghmel dan taht kondizzjonijiet diversi. Mill-fatti kif jirrizultaw din il-Qorti zgur li ma tistax tasal ghall-konkluzjoni illi s-socjeta konvenuta ma kienetx tidhol fil-kuntratt in kwistjoni li kieku giet spjegata lilha is-sistema ta' protezzjoni li kellhom il-“payphones” bil-mod kif giet spjegata lil Qorti, tenut kont tal-fatt illi s-sistema, kif spjegata mix-**xhud Martin Rizzo, hija superjuri ghal dik li s-socjeta assikurata kienet qalet biha lis-socjeta konvenuta qabel ma gie konkluz il-kuntratt ta' assikurazzjoni.** Fil-fatt, kien biss numru zghir mill-“payphones” installati mis-socjeta assikurata li soffrew danni kagun tal-maltempata tal-15 ta' Settembru 2004,[9] fatt illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti jikkorobora x-xhieda rigward is-sistemi ta' protezzjoni li kellhom il-“payphones”.

---

8 **Drake Insurance plc v Provident Insurance plc** [2004] Lloyd's Rep IR 277.

9 Fol 268 – 269.

Ghalhekk il-Qorti hija tal-opinjoni illi s-socjeta konvenuta ma gabitx provi bizzejjed sabiex turi illi l-kuntratt ta' assikurazzjoni ghandhu jigi invalidat minhabba non-disclosure jew misrepresentation li saret minn naha tas-socjeta assikura u konsegwentmenet l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta konvenuta eccepiet ukoll illi s-socjeta assikurata ma haditx dawk il-prekawzjonijiet li kienet marbuta li tiehu biex tnaqqas ir-riskji imposti fuq l-assikuratur.

Rigward din l-eccezzjoni is-socjeta konvenuta ma resqet l-ebda prova, ghajr l-affidavit ta' Lino Ciantar illi kien jirrigwarda iktar l-ewwel eccezzjoni milli l-eccezzjonijiet ohrajn, u dan probabilment minhabba li dan l-affidavit kien gie prezentant bhala prova ghall-ewwel eccezzjoni stante li din il-kawza kienet originarjament thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni. Wara dan, is-socjeta konvenuta m'uriet l-ebda interess fil-kawza, tant illi mhux biss ma producietx iktar provi minkejja li kien hemm numru ta' seduti appuntati appozitament ghal provi taghha, izda wkoll ma ghamlet ebda kontro-ezami ta' ebda xhud prodotti mis-socjeta attrici. Anke hawnhekk, il-fatti illi kien hemm numru zghir biss ta' “payphones” li gew danneggjati waqt il-maltempata in kwistjoni huwa prova korroborattiva illi s-socjeta assikurata hadet diversi passi sabiex tnaqqas ir-riskju ta' hsara fil-kaz ta' maltemp u sajjetti. Di piu’ ebda “payphone” f’Ghawdex ma safa danneggjat.

Minn naha taghha, is-socjeta attrici resqet lil Martin Rizzo li spjega il-mod kif il-“payphones” kienu mghammrin b'zewg sistemi ta' protezzjoni sabiex inaqsu r-riskju illi ssirlhom hsara fil-kaz ta' maltempati. Din il-verzjoni mressqa mis-socjeta attrici ma giet bl-ebda mod ikkontesta mis-socjeta kovenuta, u ghalhekk il-Qorti tqis illi din it-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta hija nfondata u konsegwentement qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

Is-socjeta konvenuta eccepiet ukoll illi d-danni reklamati m'humiex koperti mill-polza mertu ta' din il-kawza, kif ukoll illi mhux id-danni kollha sehhew kagun tal-maltempata tal-15 ta' Settember 2003 u anke illi d-danni reklamati huwa eccessivi.

Mill-provi pero jirrizulta, u lanqas ma gie kontestat mis-socjeta konvenuta waqt is-smiegh tal-kawza, **illi s-socjeta assikurata kienet koperta kontra hsara mgarrba mill-"payphones" u apparat elettroniku taghha inklus hsara kagunata minn maltemp, sajjetti, u gharar permezz tal-polza ta' assikurazzjoni in kwistjoni.** Ghalhekk, fil-kaz illi jirrizulta illi l-hsarat reklamati kienu kagun tal-maltempata tal-15 ta' Settembru 2003, huwa car illi d-dani reklamati kienu koperta mill-polza mertu ta' din il-kawza.

L-attur nomine ressaq bhala prova in sostenn tal-fatt illi l-"payphones" mertu ta' din il-kawza gew iddaneggjati, u dan billi nharqu, kagun tal-maltempata tal-15 ta' Settembru 2003 ix-xhieda Martin Rizzo, Carmel Mifsud, Steven Camilleri u Alfred Scicluna. Dawn ix-xhieda kollha ikkonfermaw illi wara l-maltempata tal-15 ta' Settembru 2003, numru ta' "payphones" operati mis-socjeta assikurati gew dannegjati billi kien inharaq komponent elettroniku taghhom, minhabba ingress qawwi ta' vultagg ikkawzat minn numru kbir ta' sajjetti.

Jirrizulta illi s-socjeta assikurata kienet topera 1319 "payphones", installati f'diversi lokalitajiet f'Malta u Ghawdex.[10] Skont id-dokument ezebit u mmarkat bhala Dok CM1 kagun tal-maltempata ta' Settembru 2003, 115 minn dawn il-"payphones" garrbu hsarat.[11] Jirrizulta wkoll mid-dokument ezebit u mmarkat bhala Dok MR1 illi wara l-15 ta' Settembru 2003 in-numru ta' "payphones" bil-hsara kiber b'mod sostanzjali, u hija konkluzjoni logika mill-provi prodotti illi dan kien ghaliex is-socjeta assikurata kienet qed tindaga u tiskopri il-hsarat li kienu garbu l-"payphones" taghha bil-mod il-mod.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li l-attur nomine pprova sal-grad rikjest mill-ligi illi d-danni reklamati gew sofferti kagun tal-maltempata tal-15 ta' Settembru 2003 u li

10 Fol 268 – 269.
11 *Idem*.

dawn id-danni kienu koperti mill-polza ta' assikurazzjoni mertu ta' din il-kawza. Ghalhekk kien imbaghad jinkombi fuq is-socjeta konvenuta illi tressaq provi sufficjenti sabiex tirribatti il-verzjoni tal-attur nomine, haga illi, kif diga rilevat iktar il-fuq, hija naqset milli taghmel minkejja d-diversi differimenti li nghataw lilha biex tressaq provi in sostenn tal-eccezzjonijiet taghha.

L-ammont ta' danni sofferti wkoll jirrizulta mid-dokumentazzjoni ezebita mill-attur nomine u s-socjeta konvenuta ma ressqet l-ebda prova li b'xi mod titfa' dubbju dwar il-veracita tal-ammonti stipulati mill-attur nomine li ghalhekk ghandhom jitqiesu bhala korretti u provati.

In vista ta' dan, il-Qorti tqis illi t-tielet, r-raba' u l-hames eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta huma nfondati u konsegwentement qed jigu michuda.

Ghal dawn il-mottivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tas-socjeta konvenuta, tilqa' t-talbiet kollha tal-attur nomine kif dedotti u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attur nomine is-somma ta' tmintax il-elf seba’ mija hamsa u ghoxrin ewro u tminja u hamsin centezmu (€18,725.58) (ekwivalenti ghal tmint elef u tnejn u hamsin liri Maltin (Lm8,052)), bl-imghax legali dekoribbli mid-data ta din s-sentenza sad-data tal-effettiv pagamenti.

Bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta konvenuta.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**